



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 4 ta' Ottubru 2022
(OR. en)

9086/22

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0141 (NLE)

AGRI 188
FORETS 32
DEVGEN 91
ENV 432
RELEX 644
JUR 338
PROBA 15

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim ta' Sħubija Volontarja bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Kooperattiva tal-Guyana dwar l-infurzar tal-liġi fis-settur forestali, it-tmexxija u l-kummerċ ta' prodotti tal-injam lejn l-Unjoni Ewropea

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) .../...

ta' ...

**dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim ta' Sħubija Volontarja
bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Kooperattiva tal-Guyana dwar l-infurzar tal-liġi
fis-settur forestali, it-tmexxija u l-kummerċ ta' prodotti tal-injam lejn l-Unjoni Ewropea**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207(4), l-ewwel subparagrafu, flimkien mal-Artikolu 218(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Fil-21 ta' Mejju 2003, il-Kummissjoni adottat komunikazzjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew intitolata "Infurzar tal-Liġi, Tmexxija u Kummerċ fis-Settur Forestali (FLEGT): proposta għal Pjan ta' Azzjoni tal-UE, Il-Pjan ta' Azzjoni stabbilit f'dik il-komunikazzjoni ("il-Pjan ta' Azzjoni FLEGT") għamel appell biex jittieħdu miżuri sabiex jiġi indirizzat il-qtugħ illegali tas-siġar għall-injam billi jiġu żviluppati ftehimiet ta' sħubija volontarji ma' pajjiżi li jipproduċu l-injam. Il-Kunsill adotta l-konklużjonijiet tiegħu dwar il-Pjan ta' Azzjoni FLEGT fit-13 ta' Ottubru 2003 u l-Parlament Ewropew adotta r-risoluzzjoni tiegħu dwar dan is-suġġett fil-11 ta' Lulju 2005.
- (2) Fil-5 ta' Diċembru 2005, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ negozjati ma' pajjiżi li jipproduċu l-injam fir-rigward ta' ftehimiet ta' sħubija biex jiġi implimentat il-Pjan ta' Azzjoni FLEGT.
- (3) Fil-20 ta' Diċembru 2005, il-Kunsill adotta r-Regolament (KE) Nru 2173/2005¹ li stabbilixxa skema ta' liċenzjar FLEGT għall-importazzjoni ta' injam fl-Unjoni minn pajjiżi li magħhom l-Unjoni kkonkludiet ftehimiet ta' sħubija volontarja.

¹ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2173/2005 tal-20 ta' Diċembru 2005 dwar l-istabbiliment ta' skema ta' liċenzjar FLEGT għall-importazzjoni ta' injam fil-Komunità Ewropea (ĠU L 347, 30.12.2005, p. 1).

- (4) In-negozjati mar-Repubblika Kooperattiva tal-Guyana bil-ħsieb tal-konklużjoni ta' Ftehim ta' Sħubija Volontarja bejn l-Unjoni Ewropea u l-Kooperattiva tal-Guyana dwar l-infurzar tal-liġi fis-settur forestali, it-tmexxija u l-kummerċ ta' prodotti tal-injam lejn l-Unjoni Ewropea ("il-Ftehim") intemmu b'suċċess bl-inizjalar tal-Ftehim fit-23 ta' Novembru 2018.
- (5) Il-Ftehim jenħtieġ li jiġi ffirmat, soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data aktar tard,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-iffirmar f'isem l-Unjoni tal-Ftehim ta' Sħubija Volontarja bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Kooperattiva tal-Guyana dwar l-infurzar tal-liġi fis-settur forestali, it-tmexxija u l-kummerç ta' prodotti tal-injam lejn l-Unjoni Ewropea huwa b'dan awtorizzat, soġġett għall-konklużjoni tal-imsemmi Ftehim¹⁺.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat li jinnomina l-persuna jew persuni li jkollhom is-setgħa li jiffirmaw il-Ftehim f'isem l-Unjoni.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill

Il-President

¹ It-test tal-Ftehim ser jiġi ppubblikat flimkien mad-deċiżjoni dwar il-konklużjoni tiegħu.
⁺ Delegazzjonijiet/ĠU: araw id-dokument ST 9271/22.